MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 350/2004

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**George Cini u Koperattiva tat-Tjur Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu solidalment bejniethom, is-somma ta' elf, seba' mija u tnax –il Lira Maltin, (LM1,712.00,0), liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' flieles mibjugha u kkonsenjati;

2. Illi fil-konfront tal-Koperattiva tat-Tjur, dan l-ammont jirrapprezenta parti minn somma akbar;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ta' l-10 ta' Gunju tas-sena 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja, 22 ta' Dicembru tas-sena 2003, sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cini datata s-26 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament ma hemmx solidarjeta' sia fil-konsenja u sia fl-assenjazzjoni ta' l-obbligu tal-parti da parti ta' l-eccipjenti;

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi l-konvenut Cini ma xtara l-ebda flieles minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandux hlasijiet x'jaghtiha;

4. Illi l-intimat Cini jixtri l-flieles minghand il-Koperattiva tat-Tjur Limited li da parti taghha tixtrihom minghand is-socjeta' attrici. Skond prattika li giet accettata mill-istess attrici, hija tithallas unikament mill-Koperattiva konvenuta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe tjur li l-eccipjenti seta' xtara minghand l-attrici jew imhallsa minnu pjenament;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mir-rapprezentanti legali tas-socjeta’ attrici u tal-konvenut Cini;

Tirrileva li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta’ attrici tipprocessa t-tigieg u tbiegh il-flieles lill-allevaturi skond il-ligijiet vigenti taht il-harsien tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji;

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirrapprezenta pagamenti allegatament mhux imhallsa mill-konvenuti ghall-flieles mibjugha u kkonsenjati lilhom mis-socjeta’ attrici;

3. Illi l-ammont hekk indikat qieghed jintalab mill-konvenuti in solidum ghaliex hu allegat mis-socjeta’ attrici li z-zewg konvenuti huma marbutin flimkien fir-relazzjoni legali taghhom mas-socjeta’ attrici;

4. Illi stante li s-socjeta’ attrici baqghet ma thallsitx ghall-konsenja de quo, allura kienet kostretta tintavola din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu, il-konvenut Cini sintetikament isostni s-segwenti;

1. Illi m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ konvenuta;

2. Illi in effetti hu membru tal-Kooperattiva t’Ghawdex li ghandha personalita’ separata u distinta mis-socjeta’ konvenuta;

3. Illi l-Kooperattiva msemmija fil-paragrafu precedenti m'ghandha l-ebda relazzjoni kummercjali mas-socjeta' attrici;

4. Illi ghalkemm xtara flieles mis-socjeta' konvenuta, hu salda ghal kollox il-pagmenti minnu dovuti lilha u allura hu totalment estraneu ghat-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici inghatat l-opportunita' ampja li tressaq il-kaz taghha, naqset li tipprova skond il-ligi li l-konvenut Cini kien b'xi mod marbut fil-konfront taghha;

Illi minflok, dak li jirrizulta lil din il-qorti hu konfuzjoni enormi fil-metodu u fl-istrutturi mwaqqfa mill-partijiet involuti f'din l-industrija, li zgur ma jghinuhiex tizviluppa u tipprogredixxi;

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici taghmel diversi allegazzjonijiet, dawn ma gewx jppruvati fil-livell rikjest mill-ligi u servew biss biex joholqu konfuzjoni immani li zgur ma jikkonducux ghall-konkluzjoni ta' prova skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi finalment tirrileva wkoll l-ezistenza ta' konfuzjoni semantika f'dan il-kummerc li jservi mhux biss biex izid il-konfuzjoni fin-nomenkolaura wzata, izda jservi wkoll biex jikkonfondi inutilment l-imhuh bil-konsegwenza li l-ligi tista' tigi manipulata malinjament;

Illi s-suespost qed jinghad fid-dawl tal-fatt li s-socjeta' konvenuta tivvanta zewg strutturi legali distinti li pero', huma kontradittorji ghal xulxin;

Illi in effetti, la hi indikata bhala "Limited" hi biss socjeta' fit-termini tal-ligi tal-kumpaniji u allura l-indikazzjoni tal-kelma "Koperattiva", specjalment f'qasam bhal dak in dizamina fejn il-kooperattivizmu hu adoperat b'mod

estensiv, iservi biss bhala sors ideali ghall-konfuzjoni – haga li la l-ligi u lanqas id-dipartimenti governattivi nvoluti m'ghandhom jittolleraw;

Ghaldaqstant, stante li s-socjeta' attrici naqset li tipprova l-kaz taghha skond il-ligi, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cini u tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------